



Brussell, 1 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9951/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0119 (NLE)**

**MI 564
ENT 129
UNECE 7**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 243 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2026 għal regolamenti tan-NU

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 243 final.

Mehmuż: COM(2026) 243 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2026
COM(2026) 243 final

2026/0119 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2026 għal regolamenti tan-NU

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija għal Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (WP.29) fir-rigward tal-adozzjoni ta' modifiki fir-Regolamenti attwali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel

Fis-seħħ hemm żewġ ftehimiet biex jinħolqu rekwiżiti armonizzati li jneħħu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKKEE), u biex jiżguraw li l-vetturi bil-mutur joffru livell għoli tas-sikurezza u tal-protezzjoni ambjentali. Dawn huma:

- il-Ftehim tan-NUKKEE dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw fil-vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (il-“Ftehim Rivedut tal-1958”); u
- il-Ftehim li jikkonċerna l-istabbiliment tar-regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw fil-vetturi bir-roti (il-“Ftehim Parallel”).

Għall-UE, il-ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. Ix-xogħol relatat ma' dawn il-ftehimiet jissorveljah id-WP.29.

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-WP.29 jipprova qafas uniku għal regolamenti armonizzati dwar il-vetturi fil-livell dinji. Id-WP.29 hu grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-NU li għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura speċifiċi. Dan jaħdem bħala forum globali li jippermetti diskussjonijiet miftuħin fuq ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur u fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kull membru tan-NU u kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika mwaqqfa mill-membri tan-NU jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti għall-ftehimiet dwar il-vetturi li jissorvelja d-WP.29. L-UE hija parti għal dawn il-ftehimiet¹.

Id-WP.29 jiltaqa' tliet darbiet fis-sena: f'Marzu, f'Ġunju u f'Novembru. Biex jiġi rifless il-progress tekniku, f'kull laqgħa d-WP.29 jista' jadotta:

regolamenti ġodda tan-NU;

riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU;

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

regolamenti tekniċi globali ġodda tan-NU (GTRs tan-NU);

modifiki ta' regolamenti u riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; u

modifiki ta' GTRs u riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, il-korpi sussidjarji ddedikati tad-WP.29 jiddiskutu dawn il-modifiki fil-livell tekniċu.

Wara, id-WP.29 ikun jista' jadotta l-proposti:

b'maġġoranza kwalifikata tal-partijiet kontraenti preżenti u billi jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; jew

b'vot ta' konsensus tal-partijiet kontraenti preżenti u billi jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE dwar:

regolamenti ġodda tan-NU, GTRs ġodda tan-NU u riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU; u

emendi, supplimenti u rettifiki ta' regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u riżoluzzjonijiet tan-NU.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Mit-23 sas-26 ta' Ġunju 2026, waqt il-199 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta:

il-proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU bin-Nri 10, 11, 12, 13, 13-H, 14, 16, 17, 18, 21, 24, 26, 28, 29, 34, 35, 39, 43, 45, 46, 48, 49, 51, 55, 58, 61, 64, 66, 67, 68, 73, 75, 79, 83, 85, 89, 90, 93, 94, 95, 97, 100, 102, 106, 107, 108, 109, 110, 115, 116, 117, 121, 122, 125, 127, 129, 130, 131, 133, 134, 135, 137, 138, 139, 140, 141, 142, 143, 144, 145, 148, 151, 152, 153, 154, 157, 158, 159, 160, 161, 162, 163, 165, 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 173, 174, 176, 177, 178, 179 u 180;

proposti għal regolamenti tan-NU ġodda:

dwar l-idroġenu likwidu,

dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi ta' sewqan awtomatizzati (ADS) tagħhom, u

dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers fir-rigward tal-prestazzjoni tal-brix;

proposti għal modifiki tal-GTRs tan-NU Nri 9 u 13; u

proposta għal GTR tan-NU ġdid dwar l-ADS.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UE

Peress li dan hu qasam mill-aktar leġiżlat tal-Unjoni Ewropea, dan jaqqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

Is-sistema tad-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 jaqdi rwol ewlieni biex jintlaħaq dan l-objettiv. Il-manifatturi tal-UE jistgħu jużaw sett komuni ta' regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-partijiet kontraenti se jirrikonoxxu l-prodotti tagħhom bħala konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

B'din, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, li aktar tard tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament (UE) 2019/2144, seta' jirrevoka aktar minn 50 Direttiva tal-UE u jissostitwihom b'regolamenti korrispondenti żviluppatti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² iħaddem approçè simili. Dan jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniçi għall-approvazzjoni tat-tip u għall-introduzzjoni fis-suq tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniçi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Ladarba d-WP.29 jadotta proposta għal regolament tan-NU ġdid jew għal modifiki ta' regolament tan-NU eżistenti, is-Segretarju Eżekuttiv tan-NUKEE jinnotifika l-att korrispondenti lill-partijiet kontraenti. Sakemm xi partijiet kontraenti li jikkostitwixxu minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx fi żmien 6 xhur, l-att jidħol fis-seħħ. Imbagħad, kull parti kontraenti tista' tittrasponi l-att fir-regoli nazzjonali applikabbli tagħha. FI-UE, il-proçess tat-traspożizzjoni jitlestha bil-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiçjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-pożizzjoni tal-UE trid tiġi stabbilita rigward l-atti li ġejjin:

il-proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU bin-Nri 10, 11, 12, 13, 13-H, 14, 16, 17, 18, 21, 24, 26, 28, 29, 34, 39, 43, 45, 46, 48, 49, 51, 55, 58, 61, 64, 66, 67, 73, 75, 79, 83, 85, 89, 90, 93, 94, 95, 97, 100, 102, 106, 107, 108, 109, 110, 115, 116, 117, 121, 122, 125, 127, 129, 130, 131, 133, 134, 135, 137, 138, 139, 140, 141, 142, 143, 144, 145, 148, 151, 152, 153, 154, 157, 158, 159, 160, 161, 162, 163, 165, 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 173, 174, 176, 177, 178, 179 u 180 biex jiġu aġġornati dispożizzjonijiet dwar:

- l-ibbrejkjar ta' vetturi tqal – l-emendi proposti jfittxu li jiżguraw interpretazzjoni allinjata u konsistenti tal-kundizzjonijiet ta' attivazzjoni għal sinjal ta' waqfien ta' emerġenza, iġġenerat mill-applikazzjoni tas-sistema tal-ibbrejkjar ta' servizz;
- is-saħħa tas-sits, l-ankraġġi tagħhom u t-trażżin għar-ras – l-emendi proposti jfittxu li jiççaraw il-proçeduri tat-test għall-verifika tad-dissipazzjoni tal-enerġija fuq ir-trażżin għar-ras;
- l-installazzjoni ta' apparati tat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl – l-emendi proposti jfittxu li jintroduçu l-possibbiltà ta' sinjalar bid-dawl, fil-forma ta' projezzjoni ta' disinji fit-triq, għal utenti oħra tat-triq permezz ta' funzjoni tas-sinjalar bid-dawl ġdida “projezzjoni ta' indikatur tad-direzzjoni”;
- l-istorbju tal-vetturi tal-kategoriji M u N – l-emendi proposti għandhom l-għan li jissostitwixxu r-referenza għall-GTR tan-NU Nru 21 bir-referenza għall-istess paragrafu fir-Regolament tan-NU Nru 177 biex tiġi evitata diverġenza possibbli futura bejn dawk iż-żewġ testi, u jintroduçu “modalità prestabbilita” u rekwiżiti li għandhom jiġu applikati għall-emissjoni ta' ħoss estern imtejjeb;
- it-tajers għall-motoçikletti/mopeds – l-emendi proposti għandhom l-għan li jevitaw iç-çertifikazzjoni tat-tajers ta' biçikletti bħala tajers ta' mopeds;

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniçi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- it-tagħmir tal-istearing – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni bejn dan ir-regolament u r-regolament tan-NU Nru 171 fir-rigward tal-funzjoni tal-istearing bi kmand awtomatiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' parkeġġ u tal-parkeġġ ikkontrollat mill-bogħod;
- il-vetturi b'sistema tal-motopropulsjoni elettrika – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu rekwiżiti ta' twissija u ta' attivazzjoni awtomatika ta' interruzzjoni fil-każ ta' falliment fis-sistemi rikarikabbli ta' ħżin tal-enerġija elettrika applikabbli għat-trejlers;
- it-tajers għal vetturi agrikoli – l-emendi proposti jfittxu li jiċċaraw l-immarkar tat-tajers tal-kategoriji tal-veloċità D u E;
- it-tajers retreaded għall-karozzi tal-passiġġieri u għat-trejlers tagħhom – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw ir-rwol tal-fornitur tal-materjal u jissimplifikaw il-lista ta' tajers ikklassifikati bħala tajer għall-borra għall-użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi;
- it-tajers retreaded għall-vetturi kummerċjali u għat-trejlers tagħhom – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw ir-rwol tal-fornitur tal-materjal u jissimplifikaw il-lista ta' tajers ikklassifikati bħala tajer għall-borra għall-użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi;
- it-tajers, ir-reżistenza għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien u l-qabda fuq l-imxarrab – l-emendi proposti għandhom l-għan li jneħħu d-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-brix tat-tajers mir-regolament u jċaqilquhom f'regolament tan-NU ġdid dwar il-brix tat-tajers;
- is-sikurezza tal-persuni bil-mixi – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw l-ambitu tad-data mit-testijiet għall-windskrin li jrid jiġi pprovdut għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip u jittrasponu l-GTR Nru 9, l-Emenda 3 rekwiżiti tekniċi għas-sistemi ta' protezzjoni tal-persuni bil-mixi li jistgħu jiġu varati;
- is-sistemi mtejbja tat-trażżin għat-tfal – l-emendi proposti jfittxu li jiċċaraw li t-tneħħija ta' parti li tiddaħħal tista' tiskatta wkoll testijiet addizzjonali bi staturi alternattivi tal-manikini, jindirizzaw id-diskrepanza bejn id-dimensjonijiet tal-għoli tal-ispalla mistennija għat-trabi tat-twelid prematuri, u l-għoli reali tal-ispalla derivat minn settijiet tad-data tal-antropometrija miġbura, u jneħħu d-deskrizzjonijiet tal-identifikatur uniku mir-rekwiżiti;
- is-sistemi avvanzati għall-ibbrejkjar ta' emerġenza (AEBS) għall-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3 – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet li se jsolvu kwistjonijiet bl-approvazzjonijiet tal-vetturi M2, M3 u N2 u b'hekk jagħmlu l-arranġament reċiproku bejn dan ir-regolament u r-regolament tan-NU Nru 152 aktar robust;
- il-vetturi tal-idroġenu u b'ċellola tal-fjuwil - l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu għadd ta' bidliet editorjali;
- l-apparat għas-sinjalar bid-dawl – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu r-rekwiżiti għall-projezzjoni tal-indikatur tad-direzzjoni ta' disinji fit-triq;
- l-AEBS għall-vetturi M1 u N1 – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet li se jsolvu kwistjonijiet bl-approvazzjonijiet tal-vetturi M2, M3 u N2 u b'hekk jagħmlu l-arranġament reċiproku bejn dan ir-regolament u r-regolament tan-NU Nru 131 aktar robust;

- is-sistemi tat-trażżin għat-tfal għal trasport aktar sikur tat-tfal fix-xarabanks u fil-kowċis – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu soluzzjoni għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal li għandhom jiġu installati b'ċinturini b'2 punti bl-għan li t-tfal jinżammu matul qlib jew impatti minn quddiem fis-sit;
- is-sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq – l-emendi proposti jfittxu li jintroduċu rekwiżiti ġodda rigward “manuvri mibdija mis-sistema” fuq l-awtostradi filwaqt li jirrestrinġu “talba hands on” u rigward “manuvri mibdija mis-sistema” f'xenarji mhux fuq l-awtostrada b'“hands-on”;
- il-prestazzjoni fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trażżjoni għat-tajers retreaded – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu definizzjoni riveduta ta' “fornitur tat-tread użata għall-proċess ta' retreading” fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni, itejbu l-konsistenza bejn tajers retreaded u tajers ġodda billi jallinjaw mar-rekwiżiti fir-Regolament tan-NU Nru 117, jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda, u jindirizzaw għadd ta' kwistionijiet editorjali; u
- serje ta' proposti – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu bidliet biex jippermettu l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tan-NU għal vetturi awtomatizzati, inklużi dawk mingħajr kontrolli manwali;

proposti għal regolamenti tan-NU ġodda:

- dwar l-idroġenu likwidu biex jiġu żviluppati rekwiżiti għall-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3 u sistemi li jaħdmu bl-idroġenu likwifikat;
- dwar l-ADS sabiex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet uniformi dwar is-sikurezza u metodoloġija armonizzata għall-validazzjoni tas-sikurezza tal-ADS; u
- dwar il-brix tat-tajers sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti tal-Euro 7 fir-rigward ta' tajers pneumatici ġodda tal-klassi C1 fir-rigward tal-prestazzjoni tal-brix tagħhom;

proposti għal modifiki tal-GTR tan-NU Nri 9 u 13 sabiex tiġi ffaċilitata ċertifikazzjoni kważistatika orjentata lejn il-miri tal-impattur tal-parti ta' fuq tar-rigħel għat-test tal-parti ta' fuq tar-rigħel mal-bumper, u biex jiġi ċċarat il-ħsieb wara r-riflessjoni tar-rekwiżiti tat-test għat-testijiet tal-integrità mekkanika u tad-durabbiltà għal-linji tal-forniment għal apparati għat-tnaqqis tal-pressjoni bi protezzjoni termali addizzjonali; u

proposta għal GTR tan-NU ġdid dwar l-ADS li għandu l-għan li jipprovdi metodoloġija armonizzata, li jinkorpora rekwiżiti ta' livell għoli li jindirizzaw l-isfidi tan-natura unika u tas-sikurezza assoċjati mat-teknoloġija tal-ADS kif ukoll approċċ fuq diversi pilastri biex tiġi żgurata validazzjoni komprensiva, effettiva u effiċjenti tas-sikurezza tal-ADS.

Id-WP.29 qed jippjana li jivvota fuq dawn il-proposti waqt il-laqgħa tiegħu tat-23 sas-26 ta' Ġunju 2026.

Barra minn hekk, jeħtieġ tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE dwar:

proposta għal emendi tad-dokument ta' interpretazzjoni rigward is-sistema ta' aġġornament tas-software u s-sistema ta' ġestjoni tal-aġġornamenti tas-software.

L-UE jenħtieġ li tappoġġa l-atti msemmija hawn fuq għax dawn jikkonformaw mal-politika tas-suq intern tagħha dwar l-industrija tal-karozzi fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll mal-politiki tagħha dwar il-ġeopolitika, it-trasport, il-klima u l-enerġija.

Dawn l-atti lkoll iħallu impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali. Vot favur dawn l-atti jħeġġeġ il-progress teknoloġiku,

jipprovdi ekonomiji ta' skala, jevita l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiżgura li l-istandards tal-karozzi jiġu applikati b'mod uniformi mal-UE kollha.

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti għal din il-proposta. Madankollu, il-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur irrieżamina din il-proposta.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jiddikjara li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li għandhom effetti legali minħabba r-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Id-WP.29 hu l-korp li fih il-partijiet kontraenti tan-NUKEE jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 qed jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-regolamenti tan-NU stabbiliti fl-att previst se jkunu vinkolanti għall-UE skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 1 u 12 tal-Ftehim Rivedut tal-1958. Flimkien mal-GTRs tan-NU, dawn se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġjettiv u l-kontenut tal-att previst li fuqhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-UE.

L-att previst jista' jkollu żewġ għanijiet jew komponenti, li wieħed minnhom jista' jiġi identifikat bħala ewlieni u l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali. F'dan il-każ, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, partikolarment fuq dik il-waħda għall-għan jew għall-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFEU.

Pubblikazzjoni tal-att previst

Peress li l-att tad-WP.29 se jemenda diversi regolamenti tan-NU u GTRs tan-NU u se jadotta regolamenti tan-NU u GTRs tan-NU ġodda, dan jixraq jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2026 għal regolamenti tan-NU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jkunu ffittjati u/jew jintużaw fil-vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw fil-vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u l-introduzzjoni fis-suq tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dak ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (ir-"regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1997/836/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2000/125/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) jista' jadotta proposti għal modifiki ta' regolamenti tan-NU, regolamenti tekniċi globali tan-NU (GTRs tan-NU) u riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti tan-NU ġodda, GTRs tan-NU ġodda u riżoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jinħolqu emendi tal-GTRs tan-NU jew biex jinħolqu GTRs tan-NU ġodda, u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għal GTRs tan-NU.
- (5) Mit-23 sas-26 ta' Ġunju 2026, waqt il-199 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi, id-WP.29 jista' jadotta: il-proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU bin-Nri 10, 11, 12, 13, 13-H, 14, 16, 17, 18, 21, 24, 26, 28, 29, 34, 35, 39, 43, 45, 46, 48, 49, 51, 55, 58, 61, 64, 66, 67, 68, 73, 75, 79, 83, 85, 89, 90, 93, 94, 95, 97, 100, 102, 106, 107, 108, 109, 110, 115, 116, 117, 121, 122, 125, 127, 129, 130, 131, 133, 134, 135, 137, 138, 139, 140, 141, 142, 143, 144, 145, 148, 151, 152, 153, 154, 157, 158, 159, 160, 161, 162, 163, 165, 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 173, 174, 176, 177, 178, 179 u 180; proposta għal regolament tan-NU ġdid dwar l-idroġenu likwidu; proposta għal regolament tan-NU ġdid dwar sistemi ta' sewqan awtomatizzati (ADS); proposta għal regolament tan-NU ġdid dwar il-brix tat-tajers; proposti għal modifiki tal-GTRs tan-NU Nri 9 u 13; u proposta għal GTR tan-NU ġdid dwar l-ADS.
- (6) Ir-Regolamenti tan-NU Nri 35 u 68 ma humiex applikabbli għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.
- (7) Biex ikunu jqisu l-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi tul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, ir-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-regolament tan-NU Nri 10, 11, 12, 13, 13-H, 14, 16, 17, 18, 21, 24, 26, 28, 29, 34, 39, 43, 45, 46, 48, 49, 51, 55, 58, 61, 64, 66, 67, 73, 75, 79, 83, 85, 89, 90, 93, 94, 95, 97, 100, 102, 106, 107, 108, 109, 110, 115, 116, 117, 121, 122, 125, 127, 129, 130, 131, 133, 134, 135, 137, 138, 139, 140, 141, 142, 143, 144, 145, 148, 151, 152, 153, 154, 157, 158, 159, 160, 161, 162, 163, 165, 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 173, 174, 176, 177, 178, 179 u 180, u GTR tan-NU Nri 9 u 13 jeħtieġ li jiġu emendati jew supplimentati.
- (8) Sabiex ikun jista' jsir progress teknoloġiku u jiġu promossi l-awtomatizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni, jeħtieġ li jiġu adottati regolamenti tan-NU ġodda dwar l-idroġenu likwidu, dwar l-ADS, u dwar il-brix tat-tajers, u GTR tan-NU ġdid dwar l-ADS.
- (9) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mal-GTRs tan-NU, dawn se jinfluwenzaw il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi. Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawk il-proposti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-199 sessjoni tal-Forum Dinji tal-għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WD.29) tan-NUKEE, li se ssir bejn it-23

u s-26 ta' Ġunju 2026, għandha tkun li tivvota favur id-dokumenti ta' ħidma tan-NU elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fid-WP.29 jistgħu jaqblu fuq bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President